**SECONDARY SCHOOL ANNUAL EXAMINATIONS 2004**
Education Assessment Unit - Education Division

**Ir-Raba' Sena** **STORJA ĠENERALI** **ĦIN: Siegħa u Nofs**

**Isem:** ______________________________________ **Klassi:** __________

1.1 Fl-istampa hawn taħt jidhru l-membri ta' wieħed mill-Kunsill tal-Gvern tal-Maltin mogħti mill-Ingliżi. Sib is-sentenza li taqbel ma' dawn il-kostituzzjonijiet ta' Malta tas-seklu 19 u 20 billi tniżżel in-numri minn **2** sa **6** fil-kolonna l-vojta. **L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju:**



| | |
|---|---|
| **1** | Il-Kostituzzjoni ta' l-1921 |
| **2** | Il-Kostituzzjoni ta' l-1974 |
| **3** | Il-Kostituzzjoni ta' l-1835 |
| **4** | Il-Kostituzzjoni ta' l-1947 |
| **5** | Il-Kostituzzjoni ta' l-1964 |
| **6** | Il-Kostituzzjoni ta' l-1849 |

| | |
|---|---|
| | saru l-elezzjonijiet l-ewwel darba għall-kunsill. |
| | tat lill-Maltin Kunsill tal-Gvern magħżul mill-Gvernatur. |
| | tat il-vot lin-nisa Maltin għall-ewwel darba. |
| | għamlet lil Malta nazzjon indipendenti. |
| | bidlet lil Malta f'Repubblika. |
| **1** | kienet l-ewwel kostituzzjoni tas-*self-government.* |

(5 x 1 = 5 marki)

1.2 Qiegħed dawn il-ġrajjiet skond l-ordni li ġraw fl-istorja billi tnizzel in-numri minn 2 sa 6.
L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju.

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Il-Kummissjoni Rjali ta' l-1911 | **1** |
| 2 | Eluf ta' ħaddiema jidħlu jaħdmu fit-tarzna | |
| 3 | Tfaqqa' l-Ewwel Gwerra Dinjija | |
| 4 | il-Gvern Ingliż jagħti lill-Maltin kostituzzjoni ġdida | |
| 5 | l-elezzjoni ġenerali ta' l-1921 | |
| 6 | Irvellijiet fil-Belt Valletta u l-qtil ta' erba'rġiel Maltin | |

(5 x 1 = 5)
**(Total = 10 marki)**

2.




FORTIFIKAZZJONIJIET TA' ŻMIEN L-INGLIŻI FIS-SEKLU 19.

2.1 **Ħares sewwa lejn din il-mappa tal-fortifikazzjonijiet li bnew l-Ingliżi f'Malta**. (Wara wieġeb billi tniżżel VERU jew FALZ fil-kolonna l-vojta tat-tabella).

| | | **VERU jew FALZ** |
|---|---|---|
| i | L-Ingliżi komplew jużaw il-fortizzi li ħallew il-Kavallieri. | |
| ii | L-Ingliżi ma bnewx fortizzi ġodda f'Malta qabel l-1900. | |
| iii | L-Ingliżi ma bnewx fortizzi f'Għawdex għax ma qisuhiex importanti għad-difiża tal-gżejjer. | |
| iv | Il-Forti Rinella nbniet biex tħares il-Port il-Kbir. | |
| v | Qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija l-fortizzi bdew jintużaw bħala difiża kontra l-ajruplani. | |
| vi | Xi fortizzi ta' żmien l-Ingliżi llum huma mikrija lill-privat. | |
| vii | Dawn il-fortizzi llum m'għandhom l-ebda valur storiku. | |
| viii | Il-*Victoria Lines* inbnew madwar il-kosta fit-Tramuntana ta' Malta. | |

(8 x 1 = 8 marki)

2.2 Sib mill- mappa żewġ linji difensivi li bnew l-Ingliżi f'Malta.

_______________________________________________ (2)

2.3 Għaliex ħafna mill-fortizzi li bnew l-Ingliżi qatt ma ntużaw fi gwerra proprja?

_______________________________________________ (2)

2.4 Għaliex ħafna mill-fortizzi l-Ingliżi bnewhom qrib il-portijiet ewlenin?

______________________________________________ (2)

2.5 Kif kienu bbenefikaw il-Maltin bil-bini ta' bosta fortizzi mill-Ingliżi?

______________________________________________ (1)

2.6 (i) Għalfejn baqgħet magħrufa l-aktar il-Fortizza tar-Rinella?

______________________________________________ (2)

(ii) Liema waħda minn dawn l-għadqiet volontarji qed jieħu ħsieb fortizzi bħal dawn. Agħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba:

| | |
|---|---|
| | Il-Każini tal-Banda |
| | Il-Kunsill tal-Parroċċa |
| | Fondazzjoni Wirt Artna |
| | Il-Caritas |

(1)

2.7 X'tifhem bil-kelmiet 'bażi navali'?

______________________________________________ (2)

**(Total = 20 marka)**

3.1 Ma' kull Settur qabbel l-Iżvilupp li seħħ fil-ħajja ta' kuljum tal-Maltin f'dawn l-aħħar mitejn sena. Ikteb in-numri minn **1** sa **6** fil-kolonna l-vojta.

| | SETTUR | | ŻVILUPP |
|---|---|---|---|
| **1** | L-iskejjel tal-Gvern | | Daħal is-servizz tat-tramm. |
| **2** | Il-Port il-Kbir | | Twaqqfu l-każini tal-baned. |
| **3** | It-trasport pubbliku | | Saret il-liġi għall-edukazzjoni primarja obbligatorja. |
| **4** | Il-kura tal-mard | | Twaqqa' l-Mandraġġ fil-Belt Valletta. |
| **5** | Id-divertiment | | Instab il-mikrobu li kien iġib il-marda tad-deni rqiq |
| **6** | Il-bini tad-djar | | Inbena l-*breakwater.* |

(6 x 1 = 6)

3.2 Fl-istampa jidher wieħed mill-mezzi ta' trasport li kien jintuża fis-seklu 19. Qabbel is-sentenzi dwar dawn il-mezzi ta' trasport li daħlu hawn Malta billi tikeb minn numru **1** sa **6**.



Kaless tas-seklu 19.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1** | L-omnibus | | kien juża l-linji u l-*cables* ta' l-elettriku. |
| **2** | Il-kaless | | kien jintuża l-aktar mis-sinjuri. |
| **3** | It-tramm | | kien qisu karozzin twil miġbud b'żiemel. |
| **4** | Il-vapur ta' l-art | | kienet taħdem bejn Marsamxett u Tas-Sliema. |
| **5** | Il-lanċa | | kellhom ilwien differenti skond ir-rotta. |
| **6** | Il-karozza tal-linja | | kien jieqaf fi stazzjon f'Birkirkara. |

(6 x 1 = 6)

3.3 Għaliex is-servizz tat-tramm u tal-ferrovja f'Malta kienu spiċċaw għal kollox sa l-1931?

_______________________________________________ (2)

3.4 Għaliex taħseb li kien hemm biljetti tal-ferrovija ta' l-ewwel u tat-tielet klassi?

_______________________________________________ (2)

3.5 Mnejn kienet titlaq u sa fejn kienet tasal il-ferrovija?

_______________________________________________ (2)

3.6 Għaliex il-karozza privata saret l-aktar mezz ta trasport popolari fost il-Maltin mit-tmiem tat-Tieni Gwerra sal-lum?

_______________________________________________ (2)

**(Total = 20 marka)**

**4. Il-popolazzjoni u l-iżvilupp ta' bliet u rħula.**

4.1 Il-popolazzjoni ta' Malta kibret magħtul iż-żminijiet. Mit-tabella dwar l-għadd tan-nies f'Malta fi żmien l-Ingliżi u wara, immarka b'ċirku madwar in-numru t-tajjeb għall-popolazzjoni tal-gżejjer Maltin f'dawn is-snin. L-ewwel wieħed huwa mogħti hi mogħtija bħala eżempju.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| i | **fl-1700** | 40,000 | 60,000 | 80,000 | 100,000 |
| ii | **fl-1800** | 50,000 | 100,000 | 150,000 | 200,000 |
| iii | **fl-1900** | 100,000 | 150,000 | 200,000 | 250,000 |
| iv | **fl-2000** | 250,000 | 300,000 | 350,000 | 400,000 |

(3 x 1 = 3)

4.2 Ifli sewwa din il-mappa li turi l-parti tal-portijiet ewlenin għall-ħabta ta' l-1900 u wieġeb il-mistoqsijiet marbutin magħha.




(i) F'liema parti ta' Malta kienu jgħixu l-parti l-kbira tal-Maltin fis-seklu 19 u 20? Agħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba:

☐ fl-irħula.
☐ fl-inħawi madwar il-Port il-Kbir u Marsamxett.
☐ fin-naħa ta' fuq ta' Malta. (1)

(ii) Għaliex kienu jgħixu f'dawk l-inħawi?

______________________________________________________ (2)

4.3 (i) Semmi żewġ subborgi li nbnew viċin il-portijiet matul is-seklu 19.

______________________ ______________________ (2)

(ii) Agħmel sing taħt TLIETA minn dawn ix-xogħlijiet li kienu jagħmlu l-aktar dawk in-nies li marru joqogħdu fis-subborgi ta' madwar il-portijiet:

**bdiewa, negozjanti, sajjieda, rgħajja, tarznari, baħrin,** (3)

4.4 Xi wħud minn dawk l-irġiel Maltin u Għawdxin li ma kinux isibu xogħol kien ikollhom jemigraw.

(i) Semmi post wieħed madwar il-Mediterran fejn kienu jemigraw fis-seklu 19:

______________________________________________ (1)

(ii) Semmi żewġ postijiet fejn il-Maltin kienu jemigraw wara t-Tieni Gwerra.

______________________ ______________________ (2)

(iii) Kif kien jgħinhom jemigraw il-Gvern?

______________________________________________ (2)

(iv) Semmi xi problema li kienu jiltaqgħu magħha l-Maltin li jemigraw.

______________________________________________ (2)

**(Total = 18-il marka)**

**5. Ix-xogħolijiet u l-industriji Maltin ukoll inbidlu matul iż-żmien**

5.1 Immarka ERBGĦA ( ✓ ) minn dawn l-industriji li kienu jaħdmu bosta Maltin fihom fis-seklu 19.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| i | xogħol fil-fabbriki | | iv | fil-biedja | |
| ii | fil-qoton | | v | l-industrija tat-turiżmu | |
| iii | fit-tarzna | | vi | xogħol tal-bizzilla | |

( 4 x 1 = 4)

5.2 Minn fost dawn il-Maltin li kienu jgħixu madwar 100 sena ilu, għid liema ĦAMSA min dawn taħseb li seta' qal dan il-kliem:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **bidwi,** | **baħri,** | **ħaddiem tat-tarzna,** | **sid ta' ħanut tax-xorb,** |
| **avukat,** | **bennej,** | **skrivan mal-Gvern,** | **Malti fl-irvell tas-*Sette Giugno*.** |

(i) 'Imnalla kien hawn il-vapuri u l-baħrin Ingliżi. Qatt ma kelli daqshekk klijenti galantomi.' ____________________________ (2)

(ii) 'Avolja hemm ħafna xogħol fil-Port, xorta rrid nibqa' hawn għall-kwiet tal-kampanja.' ____________________________ (2)

(iii) 'L-Ingliżi jridu bil-fors idaħħlu l-Ingliż fil-Qrati tagħna. Jinħtieġ nagħmlu xi ħaġa malajr biex inwaqqfuhom.' ____________________________ (2)

(iv) 'Qatt ma bsart li s-suldati Ingliżi kienu se jiftħu n-nar fuqna. Dak il-ħin twerwirna u nfirex paniku, twerżieq u għajjat kbir fostna.' ____________________________ (2)

(v) 'Issa li spiċċat il-gwerra, nistennew u naraw x'se jiġri minna. Hawn ħafna xnihat li se jitkeċċew ħafna minna.' ____________________________ (2)

**(Total = 14-il marka)**

**6. Ikteb fit-tul dwar WIEĦED minn dawn it-temi:**

6.1 Is-*Sette Giugno* kienet waħda mill-agħar ġrajjiet li għaddew minnhom il-Maltin taħt il-ħakma Ingliża. X'taħseb dwar dan?

6.2 (i) Kif kienu maqsumin il-Maltin bejn il-partiti politiċi lejn tmiem is-seklu 19.
(ii) Dwar x'hiex kienu jilmentaw l-aktar il-mexxejja Maltin?
(ii) Xi drittijiet kienu kisbu l-Maltin mingħand l-Ingliżi sa tmien is-seklu 19?

6.3 Immaġina li qed tikteb ittra fl-1910 għal ħabibek li ilu nieqes minn Malta għal xi għoxrin sena u tixtieq tagħtih ħjiel tal-bidliet li daħlu f'Malta sa dak iż-żmien. Tista' ssemmi dwar proġetti ta' bini mill-Ingliżi, drawwiet, xogħlijiet, mezzi ta' trasport, il-partiti politiċi, il-Kwistjoni tal-Lingwa eċċ.

6.4 Ikteb paragrafu qasir fuq TLIETA minn dawn it-temi:

(i) il-festa tar-raħal fis-seklu 19.
(ii) mard infettiv fis-seklu 19.
(iii) il-*Victoria Lines*
(iv) il-Mandraġġ fi żmien l-Ingliżi
(v) il-Kwistjoni tal-Lingwa
(vi) it-tarzna fi żmien l-Ingliżi (6 x 3 = 18-il marka)

**(Total = 18-il marka)**